**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 139 tat-2 ta' Ottubru 2018 dwar punt imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina dwar ammissibilità ta' mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tal-bieraħ numru 138 tal-1 ta' Ottubru 2018, immedjatament wara l-ħin tal-mistoqsijiet, l-Onor. Karol Aquilina ġibed l-attenzjoni tas-Sedja u għamel referenza għal żewġ domandi parlamentari sottomessi minnu li s-Sedja kienet infurmatu ma kinux ammissibbli. Huwa qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nixtieq nitlob *ruling* taħt l-Ordnijiet Permanenti 26 u 27. Ftit tal-jiem ilu jien ippreżentajt żewġ mistoqsijiet parlamentari biex jiġu mwieġba mill-Prim Ministru. Dawn iż-żewġ mistoqsijiet parlamentari kienu jaqraw hekk:
>
> > "Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja sħiħa u mhux iċċensurata tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant li tħejja mill-Maġistrat inkwerenti Aaron Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?"
>
> It-tieni mistoqsija:
>
> > "Jista' l-Prim Ministru jgħid l-isem, il-kunjom u l-kariga u/jew il-professjoni tal-persuni kollha li għandhom aċċess għall-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant li tħejja mill-Maġistrat inkwerenti Aaron Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?"
>
> Illum wara nofsinhar ġejt informat mill-Iskrivan tal-Kamra li bħala Speaker inti tlabtu jinformani li ma tistax taċċetta dawn il-mistoqsijiet għaliex - u qed nikkwota - "imorru kontra l-Ordni Permanenti 26(1)". Dan anke fid-dawl tar-*rulings* mogħtija fl-14 ta' Marzu 2018 u fil-11 ta' April 2018 fejn ġie spjegat kif is-Sedja hija kostretta li tinterpreta dak li jgħid l-istess Ordni Permanenti fir-rigward ta' ħwejjeġ pubbliċi li għalihom il-Ministru huwa responsabbli fl-amministrazzjoni tad-dekasteru li jaqa' taħtu.
>
> Sur President, ma jeżisti l-ebda dubju li l-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant taqa' fid-definizzjoni ta' ħwejjeġ pubbliċi. Infakkar li din l-inkjesta ġiet mitluba mill-Prim Ministru nnifsu u li kopja tal-proċess verbal sħiħ, jiġifieri tal-inkjesta sħiħa, ingħatat lill-istess Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali minħabba l-pożizzjoni kostituzzjonali tiegħu ta' Prim Ministru li fi kliem l-Avukat Ġenerali stess hija … (Interruzzjonijiet)"

Huwa żied jgħid hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** L-istess Avukat Ġenerali, ftit tal-jiem wara, ammetta bil-ġurament li hu mhux biss ta kopja sħiħa tal-inkjesta lill-Prim Ministru iżda saħansitra kien bagħat ukoll kopja tal-inkjesta sħiħa lill-Ministru għall-Ġustizzja.
>
> Għalhekk, Sur President, illum f'din l-ewwel opportunità li għandi nixtieq nitolbok *ruling* formali biex il-mistoqsijiet parlamentari li għamilt referenza għalihom jitħallew isiru u, jekk le, inkun nista' nirregola ruħi."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet b'dan il-mod:

> "**L-ISPEAKER:** Ovvjament irrispondejtek fl-*email* u għedtlek biex tagħmel referenza wkoll għaż-żewġ *rulings* li tajt fil-konfront tal-Onor. Simon Busuttil li kienu żewġ *rulings* f'dan ir-rigward dwar l-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 26. Fir-*ruling* għedt li inti l-ewwel tiddiskuti privatament mal-Ispeaker dwar il-pożizzjoni li ħadt jew li nista' nieħu, li dan m'għamiltux għax ir-*ruling* huwa ċar. Din hija proċedura stabbilita mill-House of Commons. (Interruzzjonijiet) Ħu paċenzja, dak li kellek tgħid għedtu. Però, tinkwieta xejn, issa nagħtik ir-*ruling* fuq dak li tlabtni. Nirringrazzjak."

Peress li din il-materja ġiet imqajma fil-Kamra, is-Sedja issa se taqra l-email li ġiet mibgħuta lill-Onor. Aquilina fl-intier tagħha:

> "Nagħmel referenza għaż-żewġ interpellanzi t'hawn taħt li inti ppreżentajt:
>
> > **Mistoqsija lill-Prim Ministru (L-Onor. Joseph Muscat)**
> > Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja sħiħa u mhux ċensurata tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant Inc. li tħejja mill-Maġistrat Inkwirenti Aaron M. Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?
> >
> > **Mistoqsija lill-Prim Ministru (L-Onor. Joseph Muscat)**
> > Jista' l-Prim Ministru jgħid l-isem, il-kunjom u l-kariga u/jew professjoni tal-persuni kollha li għandhom aċċess għall-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-kumpanija Egrant Inc. li tħejja mill-Maġistrat Inkwirenti Aaron M. Bugeja u li kopja tagħha ngħatat lill-Prim Ministru mill-Avukat Ġenerali?
>
> L-Ispeaker talabni ninformak li ma jistax jaċċetta dawn il-mistoqsijiet għaliex imorru kontra l-Ordni Permanenti 26(1) u dan anke fid-dawl tar-*rulings* mogħtija fl-14 ta' Marzu 2018 u fil-11 ta' April 2018 fejn ġie spjegat kif is-Sedja hija kostretta li tinterpreta dak li jgħid l-istess Ordni Permanenti fir-rigward ta' ħwejjeġ pubbliċi li għalihom il-Ministru huwa responsbbli fl-amministrazzjoni tad-dekasteru li jaqa' taħtu."

Is-Sedja tixtieq tibda billi tagħmel referenza għar-rimarka li għamlet fil-Kamra dwar il-prassi użata fil-House of Commons, jiġifieri dawk il-proċeduri parlamentari li l-Ordnijiet Permanenti jgħidu li l-Ispeaker għandu jirrikorri għalihom, f'każijiet li ma jkunux koperti fl-Ordnijiet Permanenti. Hawnhekk is-Sedja rrimarkat li skont din l-istess proċedura li saret referenza għaliha wkoll fir-*rulings* ċitati, Membru huwa mistenni li jqajjem kwestjonijiet dwar rifjut ta' mistoqsija parlamentari b'mod privat direttament mal-Ispeaker. Din hija prassi użata wkoll fil-Parlament Malti. Naħseb għalhekk li jkun tajjeb li allura nerġa' nirreferi għall-paġna 356 tal-Erskine May Parliamentary Practice 24 edizzjoni taħt it-titolu "Speaker's control of questions":

> "*The Speaker is the final authority as to the admissibility of parliamentary questions*."

Dan ikompli jgħid:

> *"The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question, and responsibility for answers rests with ministers. On many occasions the Speaker has stopped a Member using the urgent question procedure to ask a question that had been refused by the Table Office, or asking the parts of questions struck out by the Table Office. The Speaker has also prevented a Member from taking the opportunity when raising a point of order to read out a question which has been refused by the Table Office or refused as an urgent question by the Speaker. The refusal of a question cannot be raised incidentally in the course of a debate."*

Ikompli jgħid li:

> *"When a question has been refused and the Member concerned wishes to make representations to the Speaker on the matter, the practice is for these to be made privately to the Speaker and not raised by way of a point of order in the House.*
>
> *The Clerks at the Table have full power to sub-edit questions, and the Speaker also has called the attention of the House to an alteration made by his direction in a question.*
>
> *The Speaker is empowered to authorise such changes of Table Office practice submitted to him as he considers to be consistent with the main rules for questions. In particular, the Speaker has the power to modify or halt the system of electronic tabling of questions, if it appears that is being abused."*

Hija għaldaqstant lampanti r-responsabbiltà tas-Sedja li tara jekk interpellanza hijiex skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u jekk għandhiex allura titħalla tifforma parti min-*notice paper* mal-interpellanzi parlamentari l-oħrajn."

Is-Sedja hija marbuta bl-istess Ordnijiet Permanenti li tara liema huma dawk l-interpellanzi li jistgħu jiġu meqjusa bħala aċċettabbli u għaldaqstant ma tistax tabdika minn dan id-dover. Hawnhekk qed issir referenza partikolari għal dak li jgħid l-Ordni Permanenti 26(1) li jaqra hekk:

> "Jistgħu jsiru interpellanzi fil-bidu tax-xogħol pubbliku lil kull Ministru dwar ħwejjeġ pubbliċi jew lil kull membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew membru jkun responsabbli."

Dan il-provvediment fl-Ordnijiet Permanenti tagħna nsibuh ukoll rifless u msaħħaħ fl-istess prattiċi tal-House of Commons fejn f'paġna 357 tal-24 edizzjoni tal-Erskine May, taħt it-titolu "*Questions to Ministers*" insibu dan li ġej:

> *"Questions addressed to Ministers should relate to the public affairs with which they are officially connected, to procreedings pending in Parliament, or to matters of administration for which they are responsible."*

Is-Sedja se terġa' tagħmel referenza wkoll għal dak li qalet fir-*ruling* tagħha tal-14 ta' Marzu 2018 u ċjoe għal dak li nsibu f'paġni 360 u 361 tal-istess *Erskine May*, taħt it-titolu "*Ministerial responsibilty*" fejn jingħad li:

> *"Questions to Ministers must relate to matters for which those Ministers are officially responsible. They may be asked for statements of their policy or intentions on such matters, or for administrative or legislative action. A number of decisions from the Chair have closely defined the interpretation of this rule of ministerial responsibility. Among them are the following:*
>
> *...*
>
> *(7) The Speaker has ruled that a question may not be asked which deals with the action of a Minister for which he is not responsible to Parliament."*

Dan insibuh ukoll fil-*factsheet* maħruġa mill-*House of Commons Information Office* f'Awwissu 2010 li jittratta dak li għandu x'jaqsam ma' "*Content and format of Questions*". F'paġna 3 ta' dan id-dokument insibu li:

> *"A parliamentary question must: ... have a factual basis for which the tabling Member is responsible (it may not, for example, seek confirmation or denial of rumours or media reports)"*

Din hija l-pożizzjoni li allura rridu dejjem insegwu.

Is-Sedja tixtieq tirrileva li din kienet ir-raġuni primarja li għaliha hija ħasset li ż-żewġ mistoqsijiet tal-Onor. Aquilina ma setgħux jiġu meqjusa bħala ammissibbli. Is-Sedja hija tal-fehma li l-materja li dwarhom kienet tittratta l-mistoqsija ma kenitx tikkwalifika bħala xogħol pubbliku jew xogħol tal-Kamra li l-Prim Ministru kien responsabbli għalih, u dan għaliex is-Sedja ħasset li l-involviment tal-Prim Ministru fil-materja kien wieħed personali u bi dritt bħala ċittadin privat li għandu interess dirett.

Dan l-argument huwa msaħħaħ mill-fatt li żewġ mistoqsijiet oħra fuq l-istess materja tal-inkjesta maġisterjali li l-Onor. Aquilina ssottometta kontemporanjament lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ġew fil-fatt aċċettati mis-Sedja; xi ħaġa li l-Onorevoli Membru għażel li ma jsemmix meta talab ir-*ruling* fis-seduta tal-bieraħ.